MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Numru. 510/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**AVADI MADOUR**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Avadi Madour bin-numru tal-pulizija 09AC-003.

**Akkuzat talli:**

1. Nhar it-12 ta` April 2011 ghall-habta tal-05:30pm gewwa Hal-Safi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f'periklu car, permezz ta` arma bil-ponta u li taqta`, volontarjament ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Tsehaye Gbesehawitt, Fasil Sansun u Girma Abera liema offiza x'aktarx tikkaguna debbiluzza permanenti fil-funzjoni ta` xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti ta` l-ghamla tal-gisem, skond kif iccertifikaw it-tobba Dr. Jan Chircop M.D. u Dr. JP Tabone fil-Poliklinika tal-Furjana;

2. U aktar talli filwat li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna , kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u ma gabx prova xort'ohra li kien qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;

3. Talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma li taqta` u bil-ponta minghajr makellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha mghoti mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., nhar is-17 ta` Marzu 2011 li bih Avadi Madour inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;

6. U aktar talli huwa sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli ndikati; u cioe` l-Artikoli 214, 216, 217, 388, 579, 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 kif ukoll l-Artikoli 6, 51, 55A u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tikkundannah tmintax-il xahar (18) prigunerija u tiehu inkonjizzjoni tal-fatt li huwa akkuzat bir-ricediva ukoll.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------